MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

## ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO

Seduta ta' 03 ta' Ottubru, 2002

Rikors Numru. 1178/1997/1

Dennis Grixti
vs
Telemalta Corporation u b’ digriet tad-29 ta’ Frar 2000 giet korretta ghal Maltacom p.l.c. bhala successur tal-istess

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju, 1987 u l-15 ta’ Mejju tal-1995, u precizament fl-1989 u Frar 1994 ir-rikorrent gie mcahhad minn promozzjoni ghall-grad ta’ Customer Service Officer (CSO) mill-korporazzjoni intimata;

Illi l-fatti fil-qosor kienu dawn;

Illi fl-1989 hargu applikazzjonijiet ghall-grad ta’ Telephone Supervisor (liema kariga llum hija assimilata f’dik ta’ CSO); u wara sar interview fl-1990 u li hareg ir-rizultat, ma

nghatax il-promozzjoni nonostante li kellu l-kwalifiki u esperjenza necessarja;

U illi oltre dan fis-17 ta' Frar 1994 kienet harget sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-istess hatra (issa maghrufa bhala Customer Service Officer) u hu applika pero` ghall darb'ohra nqabez minn nies inqas meritevoli minnu;

Illi hu kien bi hsiebu jsostni l-ilment tieghu permezz tax-xhieda indikati fl-elenku li jindika wkoll il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhon bix-xhieda tieghu;

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li l-korporazzjoni intimata tappuntah Customer Service Officer minn dik id-data li jidrilha xieraq jew alternattivament jigi kumpensat bis-somma ta' Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONJIET:**
Ra r-risposta tal-Korporazzjoni intimata, li eccepiet:

1. Illi l-korporazzjoni cahdet li ghamlet xi ingustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent jew li cahditu minn promozzjoni li kien haqqu.

2. Is-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-grad ta' Telegraph Supervising Officer kienet harget fit-23 ta' Gunju 1989. Ir-rikorrent kien applika u gab 59 marka minn 100, pero` ma kkwalifikax biex jinghata promozzjoni, peress li ma giex fost l-ewwel sittax u kien hemm biss sittax-il vakanza. Ghalhekk ma setax jinghata l-promozzjoni. Fil-fatt l-ahhar persuna li nhatret f'dan il-grad gabet 75 marka.

3. Illi l-marki tar-rikorrent kienu mqassmin hekk: 10 minn 20 marka ghas-snin ta' servizz; 12-il marka minn 25 marka ghall-esperjenza; 12-il marka minn 15-il marka ghall-mistoqsija teknika; 13-il marka minn 20 marka ghal

kwalitajiet fl-amministrazzjoni; u tnax-il marka minn 20 marka ghall-personalita`.

4. Illi dwar l-ilment fuq il-grad ta' Customer Services Officer, ir-rikorrent gie mahtur f'dan il-grad b'effett mill-4 ta' Gunju 1996 (u dan b'rizultat tas-sejha ghall-applikazzjonijiet li kienet harget fi Frar 1994) wara li gew ikkreati aktar vakanzi f'dan il-grad.

5. Ghaldaqstant il-korporazzjoni talbet lil dan it-Tribunal joghogbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda tas-socjeta` intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi r-rikorrent pprezenta affidavit fejn semma li fl-1989 kien applikat ghall-post ta' Telegraph Traffic Supervisor wara sejha ghall-applikazzjonijiet li kienet saret mit-Telemalta Corporation fejn kien impjegat. L-interviewing Board kien kompost minn Charles Arrigo, Godwin Ellul u Paul Abela, tlett persuni ta' integrita' indiskutibbli li pero` l-kompetenza taghhom ma kellhiex x'taqsam mat-telegrafija. Hu kien telegrafista u l-applikanti l-ohra kienu messeggiera fit-taqsima tat-telegrafija. Hu kien jaghtihom ix-xoghol. Kull ma gie mistoqsi kien x'jismu u fejn joqghod. Dawn id-domandi ghamilhom is-Sur Arrigo. Dan zied jghidlu li ma kienx eligibbli biex japplika ghaliex hekk kellu quddiemu, minghajr ma tah raguni u minhabba f'hekk spicca lejn l-ahhar postijiet tal-klassifika.

Xehed li sal-gurnata tal-lum ghadu ma jafx ghaliex ma kienx eligibbli. Dwar min kienu messaggiera fis-sezzjoni tieghu u spicca biex ha l-promozzjoni waqt li hu le

ghalkemm kien telegrafista semma lil Ronald Sacco, Anthony Sant, Anthony Agius, Joe Tabone, Francis Paris izda li saru fl-1989 fil-fatt huma Joe Ellul u Francis Paris.

Xehed David Buttigieg li dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta' Executive Principal mal-Maltacom u pprezenta r-rapport tal-Bord tal-Ghazla ghall-postijiet ta' Telegraph Supervising Officer b' rizultat tal-ezercizzju tal-promozzjonijiet li saru bejn l-1989 u l-1990. Semma li la Anthony Sant, la Anthony Agius, la Joe Tabone u anqas Frans Paris ma kienu hadu l-hatra ta' CSO fl-1989-1990. Kien biss Joe Ellul li nhatar Telegraph Supervising Officer filwaqt li Ronald Sacco nhatar Telegraph Supervising Officer wara decizjoni ta' dan l-istess Tribunal.

Zied li Dennis Grixti jidher fil-post ta' qabel ta' l-ahhar b' 59 punt fl-ordni tal-mertu. Irrileva li l-post li ghalih applika r-rikorrent ma kienx wiehed ta' natura teknika u dan ghar-raguni ghaliex il-bord kien kompost minn nies li m' humiex teknici ghalkemm huwa veru li uzaw kriterju fuq teknika.

Dwar il-kwalitajiet li jrid ikollok biex issir TSO semma li jrid ikollok esperjenza tibghat telegrammi, telexes, in generali wkoll dak iz-zmien kienu qed jippruvaw idahhlu wkoll il-kuncett ta' sales, ikunu involuti f' applikazzjonijiet ta' telephones. Ix-xoghol taghhom kien ta' natura klerikali mhux ta' natura teknika u forsi l-kelma teknika uzata fir-rapport mhix daqshekk korretta. Dan mhux ghandek telex bil-hsara, jew bicca apparat u se ssewwieh, le thaddmu, just thaddmu.

Joseph Tabone kien messaggier mal-Cable and Wireless, kien Messenger 2. Imbaghad fl-1979 lahaq Telegrafist 1, imbaghad ha promotion ghal Telegrafist 2 fl-1986, u mbaghad bir-ri-organizzazzjoni tat-telefonija u telegrafija s-CSU, Customer Service Unit fl-1993, gie assimilat ghal Customer Service Officer. Ghalhekk illum ghandu r-rank ta' CSO. Dan ma lahaqx permezz ta' xi ezercizzju ta' promozzjonijiet.

Dwar Emanuel Sammut li gab 63 marki pero` xorta wahda sar qal li dan kellhom il-grad ta' Supervisor Telegraph. Bi

ftehim l-ezercizzju tal-call for application is-Supervisor Telegraph kellu jigi abolit u jinholoq il-grad ta' Telegraph Supervising Officer u harget il-call for applications u kien hemm ftehim mal-union peress li dak il-grad ha jigi abolit mela dawk li kienu fil-grad ta' Supervisor Telegraph li kienu sitta, ghandhom jigu integrati b' din il-call for application. Kien hemm hu u Joe Ellul ma gewx mal-ewwel gruppi ta' promozzjonijiet li saru jigifieri ma gabux 'il fuq minn 75 points biex ikunu jistghu jsiru u biex jigi onorat dak il-ftehim li s-Supervisor Telegraph irid ikun abolit dawn kellhom speci bilfors isiru wkoll Telegraph Supervising Officer avolja ma kkwalifikawx mal-ewwel grupp, jigifieri dawk li gabu 75 marks 'il fuq fejn kien hemm sittax-il promozzjoni.

Xehed Charles Arrigo li semma li kien gie appuntat chairman tal-bord tal-interviews u hu esprima certu dubji minhabba l-fatt li dwar telegrafija ma tantx jifhem fiha. Certu domandi specjalment ta' natura teknika kien hallihom f' idejn il-membri l-ohra tal-bord.

Xehed Godwin Ellul membru iehor tal-bord u ghandu l-grad ta' P.G.P.O. Head Human Resources Strategy u semma li l-ispecjalizzazzjoni tieghu hija Public Administration mhux inginerija jew telegrafija. Fl-inginerija jew telegrafija ma jifhimx u ghalkemm Pawlu Abela ma kienx bniedem tekniku u ma kellux kwalifiki fis-suggett xi ftit kien jifhem dwar dawn l-aspetti.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk ir-rikorrent applika ghall-grad ta' Telegraph Supervising Officer, liema applikazzjoni harget fit-23 ta' Gunju 1989 u ghal Customer Servicer Officer, liema applikazzjoni kienet harget fi Frar 1994. Dwar it-tieni wahda ghall-istess ragunijiet imsemmija fil-kawza Ronald Sacco vs Maltacom p.l.c. deciza minn dan it-Tribunal kif presjedut fit-18 ta' Marzu 1988 tezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal u hawnhekk it-Tribunal sejjer jikkwota dak li qal fl-imsemmija kawza :

"Ikkunsidra li dwar l-applikazzjoni ta' Customer Service Officers mill-provi prodotti jidher li skond id-dokument

"XB"[1] il-promotions setghu hargu biss wara Ottubru tal-1995 ghax id-data tar-rapport ghal hatriet hija 11 ta' Ottubru, 1995. Ma jirrizulta minn imkien li l-hatriet kienu "backdated". Issa l-Att VIII ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji fl-artikolu 5 (4) jghid:

"Dan l-Att ma ghandu jkun japplika ghal ebda att jew omissjoni li jkunu graw qabel id-9 ta' Mejju, 1987 jew wara l-15 ta' Mejju, 1995."

Ghalhekk jidher li t-talba tar-rikorrent in kwantu tirreferi ghal Customer Service Officer in segwitu ta' l-applikazzjonijiet tas-17 ta' Frar, 1994 tesorbita mill-kompetenza ta' dan it-Tribunal u ghalhekk din it-talba hi michuda."

Dwar Telephone Supervisor fil-kawza fuq imsemmija ta' Ronald Sacco vs Maltacom it-Tribunal kien qal:

"Jifdal biss li tigi kunsidrata t-talba ghal hatra ta' Telegraph Supervising Officer in segwitu ta' l-applikazzjonijiet tat-23 ta' Gunju, 1989. Jidher li r-rikorrent ibbaza it-talba tieghu fuq il-fatt li tnejn mill-applikanti l-ohra - Ellul u Sammut hadu l-promozzjoni ghalkemm fl-interview gabu marki anqas minnu u cioe' fil-waqt li hu gab 69 huma gabu 65 u 63 rispettivament. Is-sur David Buttigieg spjega c-cirkostanzi ghaliex sar dan u cioe' minhabba ftehim li kien sar bejn it-Telemalta u l-General Workers Union.

Issa fil-fehma tat-Tribunal b'dan il-ftehim saret ingustizzja mar-rikorrent. Il-ftehim milhuq bejn it-Telemalta u l-General Workers' Union ma setgha qatt jorbot u jolqot avversament lir-rikorrent u nies bhalu. Il-fatt li l-grad kellu jispicca mhux gustifikazzjoni biex issir ingustizzja a skapitu ta' terzi."

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal f' dak il-kaz kien sab din il-parti tat-talba gustifikata u rrakkomanda rimedju kompensattiv billi r-rikorrent inghata l-kariga ta' Telegraph Supervising Officer. Izda f' dak il-kaz Sacco kien gab 69

marki waqt li Ellul u Sammut gabu 65 u 63 u cioe` anqas minnu, izda r-rikorrent odjern gab 59 u ghalhekk anqas minn Ellul u Sammut u ghalhekk ma jistax japplika l-istess ragunar li t-Tribunal uza fil-kaz ta' Ronald Sacco. Kien jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprova li hu kien haqqu marki aktar waqt l-interview izda l-unika prova li gab ir-rikorrent kienet li l-membri tal-bord ma kienux teknici. Dan fih innifsu certament ma jwassalx biex jinsab l-element ta' ingustizzja kif specifikat fil-Kap. 394 u ghal dawn il-motivi t-Tribunal jichad it-talba tar-rikorrent filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.